Kunsill Lokali Balzan
153 Triq il-Kbira
Ħal Balzan

---

**MINUTI TAL-GĦOXRIN LAQGĦA TAS-SEBA' KUNSILL**

**Post:** fis-Sala tal-Kunsill, 153 Triq il-Kbira, Ħal Balzan

**Data:** L-Erbgħa, 3 ta' April 2013

**Ħin:** Mill-5.00pm sas-7.20pm

**Preżenti:**

It-Tabib John Zammit Montebello (5.15pm)
It-Sur Joseph Mary Galea (sa 6.55pm)
Is-Sur Guido Borg
Is-Sur Desmond Zammit Marmara
Is-Sur Stephen Gatt

Is-Sindku informa lis-Segretarju Eżekuttiv li ser jittardja għal-laqgħa għaliex kien għadu xogħol. Hawnhekk ħa s-sedja l-Viċi Sindku

**1. Approvazzjoni tal-Minuti tal-Dsatax–il laqgħa tas-Seba' Kunsill.**

Fuq il-mejda tal-Kunsill tqegħdu l-minuti tad-Dsatax-il laqgħa ta' nhar l-Erbgħa, 13 ta' Marzu 2013. Kopja tal-minuti ngħatat lil kull kunsillier qabel il-laqgħa.

Il-Viċi-Sindku saqsa jekk hemmx xi korrezzjoni tal-minuti. Is- Sur Desmond Zammit Marmara talab li *Item nru 7* 'Jum Ħal Balzan' jiġi emendat hekk *"Il-Kunsillier, is-Sur Zammit Marmara talab li issa li ngħatajna għotja mill-Gvern Ċentrali biex tittella' attivita' kulturali, parti mis-somma li ġiet baġitjata għall-2013 għall-attivitajiet kulturali ġewwa Ħal Balzan tiġi allokata għal-Jum Ħal Balzan. Is-Sindku qabel ma' din il-proposta tas-Sur Marmara, kif għamlu wkoll il-Kunsilliera l-oħra. Għalhekk, il-Kunsill approva din it-talba. Il-Kunsillier, is-Sur Zammit Marmara kompla billi ta dettalji tal-programm ta' attivitajiet għal dan il-Jum"* Il-Minuti kienu proposti għall-approvazzjoni mill-Viċi Sindku Joe Galea, li kien issekondat mill-Kunsillier is-Sur Desmond Zammit Marmara. Il-minuti kienu approvati unanimament. Il-Viċi Sindku flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv iffirmaw il-minuti biex juru li huwa dokument korrett.

**2. Mill-Minuti**

Ma kien hemm xejn x'jingħad fuq il-Minuti

**Il-Viċi Sindku talab lill-Kunsill biex jiddiskutu *item 7* 'Ġieh Ħal Balzan' u tingħata preċedenza fuq l-items l-oħra. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni**

## 7. Ġieħ Ħal Balzan

Is-Segretarju Eżekuttiv poġġa fuq il-mejda l-file bin-nominazzjonijiet li ntefgħu li kienu s-Sinjura Rosanne Licari u s-Sinjuri Francis Xavier Muscat, Anthony Muscat, Calcidon Micallef u Joe Gabriel Vella.

Il-Kunsillier Desmond Zammit Marmara saqsa jekk dan il-premju jistax jingħata lil tnejn minn nies. Is-Sindku wieġeb fil-pożittiv. Is-Sur Zammit Marmara kien qed jissuġerixxi li jingħata lill-persuna mill-Kazin Marija Annunzjata u ieħor mill-Każin Banda San Gabriel li huma l-aħwa Muscat u Kalcidon Micallef bħala turija ta' apprezzament ta' kemm ħadmu fil-każini rispettivi tagħhom. Il-Viċi Sindku stqarr li huwa tal-istess fehma u ssuġġerixxa lil dawn it-tnejn.

Il-Kunsillier Guido Borg qabel mal- kelliema ta' qablu pero' l-premju jingħata wkoll lil Joe Vella li għamel unur kbir lil Ħal Balzan fuq il-mezzi tax-xandir. Il-Kunsillier Stephen Gatt sa ċertu punt jaqbel ukoll u dawk nominati kollha qed jagħtu sehemhom lir-raħal ta' Ħal Balzan. Hemm min jagħti semhu fi żmien il-festa u hemm min jagħti kontribut is-sena kollha. Huwa kien qed jirreferi għas-Sinjura Licari li s-sena kollha tagħti sehma fil-Knisja billi ddoqq l-orgni tal-Knisja. Dan huwa wkoll parti mis-serviżż komunitarju li jingħata s-sena kollha.

Il-Kunsillier Guido Borg ippropona li Ġieħ Ħal Balzan għal din is-sena jingħata lil dawk kollha li ġew nominati. Fuq din il-proposta huwa kien issekondat mill-Viċi-Sindku Joe Galea. Il-Kunsill approva unanimament din il-proposta.

## 3. Korrispondenza

Is- Segretarju Eżekuttiv poġġa fuq il-mejda għal-kunsiderazzjoni tal-Kunsill kopja tar-rapport imħejji minn Perit privat li ġie imqabbad mill-Kappillan tal-Parroċċa rigward it-tiswija taz-zuntier tal-knisja fejn l-istima tax-xogħolijiet tammonta għas-somma ta' € 8,500. Il-Kunsill talab lis-Segretarju biex jara l-aspett legali tagħha u jkellem lill-avukat tal-Kunsill biex jingħata parir legali fuqha.

Email mingħand il-GreenPack fuq iż-żibel li qed ikun hemm madwar il-Bring In Site f'Wesgħa Profs Aquilina. Il-Kunsill ser jitlob lill-Kunsill Ċentrali biex jinforza permess tal-Green Wardens. F'każ li dan il-provediment ma jkollux l-effett meħtieġ, il-Kunsill ser jikkunsidra li jneħħi l-iskips minn hemm.

Il-Kunsill ħa konjuzjoni tal-ittri l-oħra li rċevejna u qabel li jkompli jsegwi l-interessi tal-Kunsill kif ikun meħtieġ.

## 4. Rapport Dwar l-Ilmenti

Ilment mingħand resident fi Triq l-Imdina minħabba xi uffiċini li fetħu (ex Villa Gauci) u qed joħloqu problema ta' parking fejn issuġerixxa li jsir Residential Parking Scheme f'dawk l-inħawi.

Il-Kunsill talab lis-Segretarju li qabel il-Kunsill jikkunsidra din it-talba jagħmel verifika mal-MEPA fuq l-appell li sar fuq dan il-każ.

Dwar ilmenti li rċieva l-Kunsill f'dan il-perjodu l-Kunsill ġie nfurmat illi dawn ġew kunsiderati u li tkun ittieħdet azzjoni min naħa tal-Kunsill sabiex tinstab soluzzjoni u jitneħħa kull inkonvenjent għas-sodisfazzjoni ta' kull min ikun ippreżenta l-ilment.

## 5. Aġġustamenti proposti mill-Udituri tal-Gvern għar-rapport Finanzjarju Annwali 2012

Is-Segretarju Eżekuttiv qegħdet fuq il-medja tal-Kunsill ir-rapport Annwali Finanzjarju għas-sena 2012 kif emendat wara li sar l-audit. Preżenti kien hemm l-*Accountant* tal-Kunsill

Ir-rapport finanzjarju annwali għas-sena 2012 kien propost għall-approvazzjoni mis-Sindku li kien issekondat mill-Kunsillier Stephen Gatt. Ir-rapport ġie approvat unanimament u tmien kopji tar-rapport ġew iffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv biex juri li huwa dokument korrett.

## 6. <u>Mozzjoni Numru 45 mressqa mill-Viċi Sindku, is-Sur Joseph Galea</u>

Il-Kunsillier is-Sur Desmond Zammit Marmara saqsa jekk huwiex il-kaz li minbarra il-project administrator is-Sur Mark Causon hemmx involut il-kuntrattur tax-xogħolijiet,Camray Limited li qed jittrattjeni milli jitkomplew ix-xogħolijiet għaliex mill-emails li qed jieċievi jidher li hekk qed jiġri. Huwa qal li qed naqgħu għaż-żufjett, ħafna tgergir mir-residenti fejn qed jgħidu li aħna bħala Kunsill ma aħna kapaċi nagħmlu xejn u li qed nieħdu x-xhur biex inlestu biċċa xogħol. Saħansitra ġabuna fuq il-gazzetti.

Il-Kunsillier is-Sur Guido Borg saqsa f'kemm żmien irid jitlesta x-xogħol fuq il-proġett. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmaħ li l-proġett irid jitlesta sa l-aħħar ta' Ġunju ta' din is-sena. Is- Sur Borg sostna li qabel tittieħed deċiżjoni fuq din il-mozzjoni irridu nieħdu in konsiderazzjoni it-'time-frame' limitat li baqa'.

Is-Sur Zammit Marmara qal li jrid ikun hemm accountability. Kif qal qabel jekk hu l-każ li anke l-kuntrattur qed jittrattjeni trid tittieħed azzjoni anke fil-konfront tal-kuntrattur.

Is-Sindku wieġeb li certu problemi ġew kawżati mill-Project Administrator pero' kien hemm problemi wkoll min-naħa tal-Water Services Corporation kif ukoll ħafna burokrazija żejda min naħa ta' Transport Malta fejn sa' llum stess, il-kuntrattur kien għadu qed jistenna minn għandhom iċ-ċertifikat biex ikun jista' jagħlaq il-pjazza. Madankollu ma jfissirx li l-kuntrattur ma kellux in-nuqqasijiet tiegħu. Wieħed ma jridx jinsa wkoll in-numru kbir ta' korrispondenza li tkun għaddejja fuq dan il-proġett mal-Planning and Priorities Coordination Division fuq ċertu kjarifikazzjonijiet fuq il-proġett innifsu kif ukoll fuq il-proċess ta' pagamenti tax-xogħol li jkun tlesta fuq dan il-proġett.

Is-Sindku kompla qal li bħala Kunsill nistgħu nwaqqgħu l-kuntratt u jittieħed vot f'dan ir-rigward pero' biex kulħadd ikun avżat, jekk dan jiġri tkun trid toħroġ sejħa oħra pubblika għal Project Administrator u dan iġib miegħu proċess li jieħu madwar tlett xhur biex kuntratt ġdid ieħor jingħata.

Is-Sur Zammit Marmara qal li din mhix raġuni għax irid ikun hemm trasparenza u accountability. Qed jirredikolawna fuq il-gazzetti. Is-Sindku wieġeb li huwa joqgħod għad-deċiżjoni tal-Kunsill. Is-Sur Zammit Marmara qal li ma nistgħux ngħidu li għax ix-xogħol ser idum allura l-kuntrattur jagħmel li jrid.

Is-Sindku fakkar lill-Kunsilliera li l-pagament dovut lill-Project Administrator huwa miżmum sakemm ilesti x-xogħol li għandu b'lura u dan juri li mhux każ li kulħadd jagħmel li jrid. Is-Sur Zammit Marmara wieġeb li huwa jaqra l-emails li jirċievi waħda, waħda u jidher kif wkoll b'dover jgħid li involut hemm ukoll il-kuntrattur li qed jonqos mir-responsabbilta'. Is-Sindku reġa' tenna li dan kollu huwa nuqqas kemm minn naħa tal-project administrator, kuntrattur kif ukoll tal-entitajiet Governattivi li sa' llum stess mill-emails li rċieva tidher ċara l-burokrazija fid-Dipartimenti li qed jostakolaw il-proċess.

Is-Sur Borg reġa' tenna li minħabba li l-proġett irid jitlesta sa' l-aħħar ta' Ġunju, jekk il-kuntratt jieqaf, il-proġett isir? Is-Sindku wieġeb fin-negattiv.

Il-Vici Sindku sostna li anke kieku kellu jibqa' dan il-project administrator xorta il-proġett ma jitlestix fil-ħin u dan ser jirrefletti ħażin fuq il-festa titulari tar-raħal. Is- Sur Zammit Marmara qabel miegħu.

Is- Sindku talab lill-Kunsilliera biex joħorġu b'soluzzjoni. Is-Sur Zammit Marmara qal li l-kuntrattur għandu jkun accountable. Il-Vici Sindku qal li l-project administrator messu ħa ħsieb li dawn l-affarijiet ma jiġrux. Is-Sindku wieġeb li l-problema attwali mhux tort tal-kuntrattur imma ta' Transport Malta.

Il-Viċi Sindku sostna li l-kuntrattur l-ewwel qalilna li x-xogħolijiet ser jitkomplew wara l-elezzjoni imbagħad wara l-Għid u s'issa għadu ma bediex. Dan huwa nuqqas ta' serjeta'. Is-Sur Zammit Marmara sostna li mhux ser iqis ruħu aktar responsabbli u jekk hemm bżonn joħodha kontra l-Kunsill għaliex hawnhekk issa qed jidħol l-aspett politiku għax qed jidher ikraħ mal-kumplament tal-Kunsill għaliex mhux

qed tittieħed azzjoni konkreta u ta' dan jiddispjaċih.

Is-Sur Borg qal li jekk ma nkomplux mixjin ser jieqaf il-proġett. Is-Sur Zammit Marmara qal li jekk hemm bżonn il-proġett jieqaf u jitkompla aktar il-quddiem. Mhux ser jgħadduna biż-żmien f'wiċċna u noqgħodu naqagħu għaż-żufjett man-nies u l-kuntrattur jibqa' għaddej qisu ma ġara xejn. Is-Sur Borg sostna li l-proġett irid jitlesta fil-ħin.

Il-Kunsillier is- Sur Stephen Gatt sema' li hekk kif tbiddel ic-Ċermen ta' Transport Malta l-ewwel ħaġa li ser jagħmel hu li jara liema huma dawk il-proġetti li mhux qed isir xogħol sew fuqhom u sakemm jibda dan il-proċess jgħaddi ħafna żmien. Huwa saqsa jekk huwiex il-każ li l-Kunsill joħroġ press release fuq dan il-proġett.

Hawnhekk is-Sindku talab li jittieħed vot fuq din il-mozzjoni. Dawk favur il-mozzjoni kienu il-Kunsillier D. Zammit Marmara u l-Viċi Sindku J.Galea (2) u dawk kontra, is-Sindku J. Zammit Montebello, il-Kunsillier G. Borg u l-Kunsillier S. Gatt (3). Il-mozzjoni ma għaddietx.

**Hawnhekk il-Viċi Sindku mingħajr il-permess tal-Kamra qabad u telaq il-barra**

Is- Sur Zammit Marmara saqsa jekk tistax issir mozzjoni fuq il-kuntrattur li jidher li qed jonqos ukoll milli jitkompla l-proġett. Is- Segretarju Eżekuttiv wieġeb fil-pożittiv.

## 8. Suġġerimenti ta'rotot ġodda tat-Trasport Pubbliku ġewwa Ħal Balzan

Wara li saret diskussjoni mill-Kunsilliera u xi suġġerimenti li ngħatalhom mir-residenti ħareġ li r-Rotta 55 għanda tgħaddi kull nofs siegħa mit-Tnejn sal-Ħadd u li r-rotta terġa' tibda tgħaddi minn Triq Mannarino, Triq il-Wied, Msida sal-Belt u mhux aktar tgħaddi minn Triq Psaila, Birkirkara.

## 9. Offerti C.A. 1/13: " Servizz ta' Perit mal-Kunsill Lokali"- Ħatra ta' Kumitat ta' Evalwazzjoni

Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li ntefgħu seba' offerti u li għandu jinħatar kumitat ta' Evalwazzjoni biex jiġu evalwati dawn l-offerti. Il-Kunsill iddeċieda li jinħatru il-Kunsilliera is-Sur Guido Borg, is-Sur Stephen Gatt u s-Sur Desmond Zammit Marmara.

## 10. Aġġudikazzjoni Kwotazzjoni M.P. 1/13- Plakka-Ġieħ ir-residenti li mietu fit-Tieni Gwerra Dinjija

Il-Kunsill qabel li jaċċetta l-offerta ta' Austin Muscat peress li fil-fehma tal-Kunsill dan il-fornitur għamel l-aħjar offerta

## 11. Kwotazzjoni ERDF 205/09-" Location Signs for Places of Interest"

Wara li kienet diġa ġiet aġġudikata l-kwotazzjoni l-Kunsill iddeċieda li jordna erba' u għoxrin (24) plakka

## 12. Komunikazzjoni tas-Sindku

Is-Sindku ma kellu ebda komunikazzjoni x'jgħaddi

## 13. Approvazzjoni biex isir il-ħlas u ħlas ta' Petty cash

Fuq il-Mejda tal-Kunsill tqiegħdet l-iskeda ta' ħlasijiet li ġġib id-data tat-3 ta' April 2013 (mehmuża) li tammonta għas-somma ta' € 16,843,25

L-iskeda ta' ħlasijiet kienet proposta għall-approvazzjoni mill-Kunsillier Stephen Gatt li kien issekondat mill-Kunsillier Guido Borg. Il-Kunsill unanimament approva li jsiru l-ħlasijiet inkluż il-ħlas ta' Europe Direct li kien miżmum fl-aħħar laqgħa tal-Kunsill. L-iskeda ta' ħlasijet ġiet iffirmata minn żewġ kunsilliera biex juru li hija dokument korrett.

**14. <u>Suġġerimenti u Mistoqsijiet tal-Kunsilliera</u>**

Il-Kunsillier is-Sur D. Zammit Marmara ressaq xi lmenti tar-residenti ta' 24, Triq it-Tlett Knejjes u 33, Triq Santa Marija. Il-handy man tal-Kunsill ser jara x'jista' jsir. Fir-rigward tat-talba ta' Mrs. Borg Olivier De Puget biex jitpoġġew żewg bollards, is-Segretarju Eżekuttiv informa li Transport Malta ma toħroġx permessi għal dan it-tip ta' bollards.

Il-Kunsillier is-Sur Guido Borg semma l-ħajt perikoluż li hemm fi 8, Alley 2. Il-Handy man ser jara x'hemm bżonn isir.

**Għeluq:** Il-laqgħa li jmiss se ssir nhar l-Erbgħa, 24 ta' April 2013 fil-5pm.

| | |
|---|---|
| ____________________ | ____________________ |
| **Dr. J. Zammit Montebello** | **Mark Mallia** |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |

____________________
Data